**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 1280/2018 AF**

**Tal-Maghtab Construction Co. Limited (C-11485)**

**vs**

**Jonathan Sant**

**u fil-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju 2019, il-Qorti ordnat li tissejjah fil-kawza PSS Holdings Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà Tal-Magħtab Construction Co. Limited, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà esponenti forniet lill-intimat materjal ta' konkos u pprovdiet ukoll diversi servizzi relattivi fuq ordnijiet tieghu stess u dan kif jidher mir-rendikont tal-fatturi kollha mahruga f'ismu, kopja ta' liema hawn anness u mmarkat Dok. "A".

Il-bilanc dovut lis-socjetà esponenti ghall-imsemmi materjal ta' konkos kif ukoll ghas-servizzi rezi jammonta ghal dsatax-il elf, disa' mija u tmienja u disghin Ewro u seba' centezmi (€19,998.07).

Ghalkemm debitament interpellat biex ihallas anke permezz ta' ittra ufficcjali datata 15 ta' Mejju tas-sena 2018, (Ittra Ufficcjali Numru 82/2018) (kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B"), huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk qed issir il-kawza.

L-ammont fuq indikat hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjetà rikorrenti, l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet tas-socjetà esponenti.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawza tinstema' u tigi deciza bid-dispensa tas-smigh.

Dennis Baldacchino jaf b'dawn il-fatti kif esposti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-provi ai termini tal-Artikolu 167 – 170 tal-Kap. 12.

2. Tiddeciedi u tiddikjara li l-ammont ta' €19,998.07 huwa dovut lis-socjetà attrici.

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas is-somma ta' €19,998.07 lis-socjetà attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali, kif ukoll tal-mandati ta' sekwestru, minn issa ngunt in subizzjoni u bl-imghaxijiet legali dekoribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fis-seduta tad-9 t'April 2019, peress illi deher illi l-intimat Jonathan Sant seta' kellu xi eċċezzjonijiet xi jressaq, il-Qorti akkordat lilu terminu ta' għoxrin jum għall-preżentata ta' risposta ġuramentata.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Jonathan Sant li permezz taghha gie eccepit illi:

It-talbiet tas-socjetà attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dana peress illi kien hemm arrangament illi l-konsenji tal-materjal tal-konkos kellu jhallas ghalihom George Portelli ta' PSS Holdings Limited (C-36539) li assuma fuqu d-dejn tal-esponent bl-accettazzjoni tas-socjetà attrici. Isegwi illi s-somma mitluba fir-Rikors Guramentat mhijiex dovuta mill-eccipjenti izda hija dovuta mis-socjetà PSS Holdings Limited.

L-esponent qed jitlob il-kjamata fil-kawza tas-socjetà PSS Holdings Limited.

Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess jehtieg li jsiru l-verifiki tal-konsenji effettwati u ghandhom jigu esibiti d-"delivery notes" relattivi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permess mill-ligi.

Rat illi b'digriet tat-30 ta' Mejju 2019 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża tas-soċjetà PSS Holdings Limited.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ PSS Holdings Limited u George Portelli, li in forza taghha gie eccepit illi:

Ma kellu jkun hemm l-ebda sejha fil-kawza tas-socjetà eccipjenti stante li din m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika fil-kwistjoni li dwarha tressqet din il-kawza kontra l-intimat Jonathan Sant.

Certament li s-socjetà eccipjenti m’assumiet l-ebda dejn u ma kien hemm ebda assunzjoni ta’ dejn min-naha taghha hekk kif trid il-ligi u skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna u dana hekk kif hija ser tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza “*de quo*”.

Ghaldaqstant in kwantu diretti lejn is-socjetà eccipjenti t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda a spejjez esklussivament tal-intimat Jonathan Sant.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż id-dokumenti.

Rat in-nota ta’ sottomissjoniet tas-soċjetà attriċi u dik tal-kjamat in kawża.

Rat illi nonostante l-fakoltà lilu konċessa, l-intimat baqa’ ma ressaqx nota ta’ sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas tas-somma ta’ €19,998.07 rappreżentanti fornitura ta’ konkos u servizzi oħra relatati mal-ordinijiet li għamel l-intimat. Is-soċjetà attriċi tgħid illi dan l-ammont huwa wieħed ċert likwidu u dovut u f’dan ir-rigward ippreżentat fl-atti għadd ta’ riċevuti, *delivery notes* u *statements* li jirriflettu x’konsenji saru u meta. Dawn id-dokumenti nħarġu kollha f’isem l-intimat personalment.

Illi da parti tiegħu l-intimat eċċepixxa illi l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi għandu jitħallas għas-saldu mis-soċjetà PSS Holdings Ltd li bl-għarfien tas-soċjetà attriċi assumiet id-dejn

mertu ta' din il-vertenza.  Talab għalhekk illi tiġi kjamata in kawża s-soċjetà PSS Holdings Ltd.  In oltre, l-intimat talab ukoll illi ssir il-verifika tal-konsenji kollha effettwati u li in oltre jiġu ppreżentati d-*delivery notes* rispettivi.

Is-soċjetà PSS Holdings Ltd eċċepiet illi lanqas biss kien hemm lok li tiġi kjamata in kawża għar-raġuni illi hi m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi għar-rigward il-kwistjoni mertu ta' din il-vertenza u li inoltre hi qatt m'assumiet id-dejn tal-intimat.

Illi il-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża juru illi l-intimat Jonathan Sant għamel diversi ordnijiet għall-konkos li ġie debitament konsenjat lilu fil-post minnu rikjest.  Irriżulta li hija prattika komunissima fis-settur tal-kostruzzjoni dik illi l-ewwel issir il-konsenja abbażi tal-ordni imbagħad isir il-ħlas.  L-istess prattika ġiet addottata f'dan il-każ ukoll.  Irriżulta wkoll illi inizjalment l-intimat għamel użu minn *credit note* fl-ammont ta' €10,000 liema *credit note* ingħatat lilu mis-soċjetà kjamata in kawża.  Tajjeb jingħad illi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawża ta' llum, il-*credit note* jew kif inhija ntitolata '*Transfer Voucher*' tgħid illi George Portelli għan-nom u in rappreżentanza ta' PSS Holdings Ltd qiegħed jittrasferixxi *voucher* ta' €10,000 għall-fornitura ta' konkos lil Jonathan Sant u li "*I Mr. George Portelli also confirm that no other balance is due to me from Tal-Magħtab Construction Co. Ltd*."

Illi in vista ta' tali *credit note* għal kull konsenja konkos lill-intimat beda jitnaqqas l-ammont mill-*credit note*.  Dennis Baldacchino għas-soċjetà attriċi xehed illi l-kreditu fl-ammont ta' €10,000 ġie eżawrit f'Novembru 2017 u l-intimat ġie minnufih infurmat dwar dan.  Baldacchino kompla jgħid illi fil-kors tal-istess konversazzjoni l-intimat qabel li kien sejjer jibda jħallas hu għall-konsenji ulterjuri.  Ġara però illi l-kreditu kompla dejjem tiela' u għalhekk Baldacchino ta' struzzjonijiet sabiex ma jsirux aktar konsenji lill-intimat qabel dan jissalda d-debitu.  Peress illi l-intimat ma kienx qiegħed iħallas, Baldacchino beda jiġri wara l-intimat li da parti tiegħu ma bediex iwieġeb.  Baldacchino għalhekk tkixxef fejn kien qiegħed jaħdem l-intimat u mar sabu personalment.  L-intimat irrikonoxxa li kellu jħallas biss żied jgħid lil Baldacchino li PSS Holdings Ltd kienet debitriċi tal-

intimat għal somma importanti. L-intimat qal li kien dispost iħallas il-bilanċ permezz ta' tpaċija billi jagħmel xi xogħol għas-soċjetà attriċi fl-ammont ekwivalenti għal dak li kellu jagħti lis-socjetà attriċi għall-konsenji tal-konkos. Madankollu, peress illi l-intimat baqa' għal kollox inadempjenti, Baldacchino reġa avviċina lill-intimat li din id-darba qal li kien ser iħallas il-bilanċ minnufih malli jitħallas minn PSS Holdings Ltd. Baldacchino xehed illi l-intimat qatt ma ċaħad li l-ammont kien dovut tant illi l-intimat stess mar fl-uffiċċju tas-soċjetà attriċi u ħalla hemm il-Karta tal-Identità tiegħu bħala garanzija għall-ħlas. Baldacchino xehed ukoll illi l-ordnijiet għall-konsenji tal-konkos saru mill-intimat personalment u għar-rigward ta' tali konsenji, s-soċjetà intimata qatt ma daħlet f'ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà kjamata in kawża.

George Portelli għan-nom tas-soċjetà kjamata in kawża xehed illi hu ma jaf xejn dwar il-problemi finanzjarji li hemm bejn is-soċjetà attriċi u l-intimat. Ikkonferma li huwa minnu li s-soċjetà minnu rappreżentata ħarġet *credit note* fl-ammont ta' €10,000 kif ukoll oħra fl-ammont ta' €46,286.00 għal xogħolijiet li l-intimat għamel għaliha. Żied jgħid illi x-xogħol li sar fis-sit tal-Qawra fejn saru l-konsenji tal-konkos kien xogħol li l-intimat għamel fuq inkarigu tas-soċjetà Unique Turnkey Limited.

Da parti tiegħu l-intimat xehed illi ltaqa' ma' Portelli fis-sena 2017 meta Portelli kien talab lill-intimat jagħmillu xogħol ta' kostruzzjoni f'sit ġewwa l-Qawra. Xehed illi dik il-ħabta PSS Holdings Ltd kellha kuntratt ta' xogħol ma' Unique Turnkey Ltd. Xehed illi l-ftehim kien li Portelli kellu jipprovdi l-materjal għar-raġuni li kien konxju li l-intimat ma kellux saħħa finanzjarja sabiex iħallas hu għall-materjal. Kien f'dan il-kuntest li l-intimat ingħata *credit note* fil-valur ta' €10,000. Għax-xogħol li kien qiegħed jagħmel ġewwa l-Qawra, l-intimat kellu jitħallas minn Unique Turnkey Limited biss din kellha d-diffikultajiet tagħha u sabiex jitħallas l-intimat aċċetta li jsir trasferiment t'appartment f'ismu. Intant, l-intimat kompla jordna l-materjal mingħand is-soċjetà attriċi li wara li ġiet eżawrita l-*credit note* kompliet tforni lill-intimat mingħajr problemi ta' xejn. L-intimat ikkonferma li kien hu stess li kien jordna l-konkos u li kien hu stess jew wieħed mill-impjegati tiegħu li kienu jiffirmaw għall-konsenji.

Illi peress illi s-somma ta' €19,998.07 baqgħet ma tħallsitx, apparti li twaqqfu l-konsenji, fil-15 ta' Mejju 2018 is-soċjetà attriċi ressqet ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 kontra l-intimat. Jidher illi kull tentattiv ta' notifika falla. Is-soċjetà attriċi tgħid illi talbet ukoll il-ħruġ ta' mandati ta' sekwestru fil-konfront tal-intimat biss ebda prova ta' dan ma tirriżulta mill-atti.

Premessa din ix-xhieda in suċċint, jidher evidenti li l-kontestazzjoni fil-każ ta' llum mhijiex dwar l-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi iżda dwar min għandu jagħmel tajjeb għall-pretensjoni attriċi u cioè min għandu jħallas is-somma ta' €19,998.07.

Fil-każ tal-lum m'hemm ebda ftehim bil-miktub li jirregola r-relazzjoni tal-partijiet bejniethom. Kull ftehim li seta' kien hemm sar b'mod verbali li allura jagħmilha aktar diffiċli għall-Qorti li tistabbilixxi sewwa sew il-fatti kif żvolġew. Biss, meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ kif jirriżultaw mill-atti jidher illi l-intimat kellu relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà kjamata in kawża li minnha ġie nkarigat jagħmel xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni tant li ingħata nota ta' kreditu għall-ammont ta' €10,000 li l-intimat sarraf f'konsenji ta' konkos. Mhux magħruf sewwa sew kif kienu r-relazzjonijiet bejn l-intimat, is-soċjetà kjamata in kawża u Unique Turnkey Limited biss jidher li Unique Turnkey Limited ukoll ikkuntrattat lill-intimat tant li bi tpaċija għall-ħlasijiet li kellha tagħti lill-intimat, Unique Turnkey Limited trasferiet appartament f'isem l-intimat.

Għalkemm jirriżulta li kien hemm relazzjoni kummerċjali bejn l-intimat u s-soċjetà kjamata in kawża imkien mill-atti ma tirriżulta prova konkreta u univoka li din tal-aħħar assumiet hi d-djun tal-intimat. F'dan ir-rigward il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti fejn waqt li l-intimat jgħid illi d-djun tiegħu assumiethom is-soċjetà kjamata, il-kjamata tiċħad kategorikament illi qatt għamlet dan saħansitra tgħid li l-*credit notes* huma prova li hi ħallset għax-xogħol li kkuntrattat lill-intimat għalih. Huwa minnu li kull parti f'litiġju ittendi tieħu l-impressjoni li l-kelma minnha mlissna hija suffiċjenti sabiex tikkonvinċi lill-ġudikant li l-verità hija dik offruta minnha. Il-liġi tal-evidenza tagħmel tajjeb għall-fatt li kulħadd jaħseb li għandu

raġun hu u huwa proprju għalhekk illi l-Qorti għandha tosserva r-regoli tal-evidenza skrupolożament għaliex hekk kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-12 ta' Mejju 2005, "*tribunal b'funzjonijiet ġudizzjarji ma jista, b'ebda loġika u sens ta' ġustizzja, jikkampa l-ġudizzju tiegħu fuq asserzjonijiet gratuwiti, konġetturi bla bażi, jew sempliċi fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi*."

Hija l-fehma tal-Qorti li l-konvenut ma ġabx provi sabiex jeħles mill-piż li jinkombi fuqu li juri għall-konvinċiment tal-Qorti illi l-allegazzjoni tiegħu li PSS Holdings Ltd assumiet id-dejn tal-intimat hija tassew fondata. Ir-regola abbraċċata minn dawn il-Qrati in materia ta' piż tal-provi tesigi illi l-parti li tallega fatt għandha fuqha l-oneru illi tipprova l-eżistenza tiegħu altrimenti jsegwi l-prinċipju illi *actor non probante, reus absolvitur*. Dan l-oneru jinkombi fuq il-partijiet kollha f'kawża, kemm fuq l-attur li jrid jagħmel il-prova tal-fatti li fuqhom isawwar id-dritt ta' azzjoni tiegħu (*actori incumbit probatio*), kif ukoll fuq il-konvenut illi meħtieġ isostni l-fatt minnu eċċepit sabiex jikkontrasta l-pretensjonjiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) (ara **Kollez. Vol. XLVI.i.5**). Tajjeb jiġi mfakkar illi f'kuntest ta' proċeduri ċivili il-prova li trid issir għall-konvinċiment tal-ġudikant hija dik fuq bażi ta' probabbilità li l-fatt hu pruvat kif allegat. Adita mill-mertu tal-każ il-Qorti trid tiddeċiedi *iuxta alligata et probata* b'hekk illi d-deċiżjoni trid tkun strettament marbuta mat-termini tal-allegazzjonijiet imqanqla mill-partijiet u l-provi li jressqu in sostenn ta' dawk it-talbiet u l-eċċezzjonijiet.

Magħduda dawn il-prinċipji ta' dritt mal-fatt li jsawwru l-każ ta' llum, il-Qorti ssib illi fl-atti ma hemm ebda prova li tikkorrobora x-xhieda tal-intimat dwar l-allegazzjoni tiegħu li PSS Holdings Limited assumiet id-djun tiegħu. B'żieda ma dan, dak illi jirriżulta mill-atti huwa illi kien l-intimat personalment illi għamel l-ordnijiet u ffirma mal-konsenja tagħhom. Għall-Qorti dan il-fattur abbinat mal-fatt li ma tirriżultax il-prova li PSS Holdings Limited assumiet id-dejn tal-intimat huwa prova suffiċjenti tal-fatt li d-dejn huwa tal-intimat u li huwa l-intimat li jrid iħallas għalih. Jekk l-intimat jidhirlu li għal dan il-materjal kellha tħallas is-soċjetà kjamata in kawża, dik hija kwistjoni oħra li mhijiex

preġudikata minn din id-deċiżjoni u li jekk l-intimat jidhirlu tista' tiġi ndirizzata separatament.

In kwantu t-talba tas-soċjetà attriċi għall-ħlas tal-ispejjeż relattivi għall-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, dik bin-numru 82/18 il-Qorti tqis illi għal dawn l-ispejjeż m'għandux jagħmel tajjeb l-intimat. Oltre għall-fatt illi jirriżulta li l-intimat qatt ma ġie notifikat bl-imsemmija ittra, fl-atti hemm biss kopja fotostatika ta' din l-ittra, fatt li ċertament ma jirrispekkjax il-vot tal-liġi għar-rigward il-prova meħtieġa permezz ta' tali att. Kwantu għall-ispejjeż relattivi għall-mandati ta' sekwestru fl-atti ma ġiet ippreżentata ebda informazzjoni jew prova dwar tali mandati. Għalhekk, l-intimat lanqas m'għandu jiġi allokat tali spejjeż.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha sollevata mis-soċjetà kjamata in kawża PSS Holdings Limited u tilliberaha mill-ossevanza tal-ġudizzju.

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha kif sollevati mill-intimat Jonathan Sant.

3. Tilqa' t-talbiet attriċi u waqt illi tiddikjara bħala dovuta s-somma ta' dsatax-il elf, disa' mija u tmienja u disghin Ewro u seba' centezmi (€19,998.07), tordna lill-intimat Jonathan Sant iħallas din is-somma fl-intier tagħha bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat.

IMHALLEF

DEP/REG